**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 8 ta' April 2025**

**Kawża Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1238/2024 JVC**

**Alfred Teuma**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Alfred Teuma talab kif isegwi:

i. 'Illi l-Att ta' Twelid tar-rikorrenti Serie A 098004 bin-numru progressive 5410 jaghti l-indikazzjoni ta' missier ir-rikorrenti bhala Francis bil-kunjom TEUMA u l-omm bhala Carmela wife of the said Francis Teuma (Dok A)

ii. Illi ghalkemm kunjom ir-rikorrenti huwa indikat bhala Teuma huwa fil-fatt dejjem kien maghruf bil-kunjom THEUMA.

iii. Infatti (a) t-tfal tar-rikorrenti ghandhom il-kunjom THEUMA (b) ic-certifikat tal-maghmudija tar-rikorrenti juri l-kunjom THEUMA bhala iben Francis Theuma (c) l-estratt taz-zwieg tar-rikorrenti wkoll juri l-kunjom THEUMA (d) il-karta ta' identita tar-rikorrenti taghti l-kunjom THEUMA (e) l-att ta' zwieg tar-rikorrenti jaghti l-kunjom THEUMA (f) ic-certifikat tat-twelid tal-parocca ta' missier ir-rikorrenti jaghti l-kunjom THEUMA (g) ic-certifikat ta' missier ir-rikorrenti jaghti l-isem bhala Francis THEUMA (h) ic-certifikat tal-mewt tal-parocca tan-nannu tar-rikorrenti jaghti l-isem bhala Joseph THEUMA (i) fir-registru elettorali kunjom ir-rikorrenti huwa registrat bhala THEUMA (j) ic-certifikati mahruga mis-sigurta socjali ghandhom il-kunjom tar-rikorrenti bhala THEUMA (k) ir-rendikont tat-taxxa juri wkoll il-kunjom THEUMA (l) illi kunjom il-missier tar-rikorrenti fil-licenzja ta' sewqan huwa indikat bhala THEUMA (m) illi l-licenzja biex izomm hanut bhala coppersmith tar-rikorrenti mahrug fl-1974 jaghti l-kunjom bhala THEUMA (n) illi d-dikjarazzjoni notarili causa mortis tat 12 ta' Dicembru 2002 fir-rigward tal-mewt ta' omm ir-rikorrenti juri lir-rikorrenti bil-kunjom THEUMA.

iv. Illi jirrizulta ghalhekk li l-kunjom THEUMA huwa l-kunjom li bih ir-rikorrenti kien konsistentement imsejjah.

v. Illi ghaldaqstant jezistu ragunijiet validi skond il-ligi sabiex jigu applikati d-dettami tal-artikoli 253 (2) tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

RAGUNI TAT-TALBA

i. Illi l-Att ta' Twelid tar-rikorrenti Serie A 098004 bin-numru progressive 5410 jaghti l-indikazzjoni bhala missier Francis bil-kunjom TEUMA u l-omm bhala Carmela wife of the said Francis Teuma (Dok A)

ii. Illi ghalkemm kunjom ir-rikorrenti huwa indikat bhala Teuma huwa fil-fatt dejjem kif maghruf bil-kunjom THEUMA.

iii. Infatti (a) t-tfal tar-rikorrenti ghandhom il-kunjom THEUMA (b) ic-certifikat tal-maghmudija tar-rikorrenti juri l-kunjom THUEMA bhala iben Francis Theuma (c) l-estratt taz-zwieg tar-rikorrenti wkoll juri l-kunjom THEUMA (d) il-karta ta' identita tar-rikorrenti taghti l-kunjom THEUMA (e) l-att ta' zwieg tar-rikorrenti jaghti l-kunjom THEUMA (f) ic-certifikat tat-twelid tal-parocca ta' missier ir-rikorrenti jaghti l-kunjom THEUMA (g) ic-certifikat ta' missier ir-rikorrenti jaghti l-isem bhala Francis THEUMA (h) ic-certifikat tal-mewt tal-parocca tan-nannu tar-rikorrenti jaghti l-isem bhalaJoseph THEUMA (i) fir-registru elettorali kunjom ir-rikorrenti huwa registrat bhala THEUMA (j) ic-certifikati mahruga mis-sigurta socjali ghandhom il-kunjom tar-rikorrenti bhala THEUMA (k) ir-rendikont tat-taxxa juri wkoll il-kunjom THEUMA (l) illi kunjom il-missier tar-rikorrenti fil-licenzja ta' sewqan huwa indikat bhala THEUMA (m) illi l-licenzja biex izomm hanut bhala coppersmith tar-rikorrenti mahrug fl-1974 jaghti l-kunjom bhala THEUMA (n) illi d-dikjarazzjoni notarili causa mortis tat 12 ta' Dicembru 2002 fir-rigward tal-mewt ta' omm ir-rikorrenti juri lir-rikorrenti bil-kunjom THEUMA.

iv. Illi jirrizulta ghalhekk li l-kunjom THEUMA huwa l-kunjom li bih ir-rikorrenti kien konsistentement imsejjah.

v. Illi ghaldaqstant jezistu ragunijiet validi skond il-ligi sabiex jigu applikati d-dettami tal-artikoli 253 (2) tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

TALBA

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob li din l-Onor. Qorti jghogobha:

1. Tiddikjara li l-esponenti hu maghruf bil-kunjom "THEUMA" u bl-ebda kunjom iehor;

2. Tiddikjara illi fl-att tat-twelid tar-rikorrent bin-numru ta' iskrizzjoni 5410 tas-sena 1950 (Serje A 098004) fil-parti dwar il-partikolaritajiet tal-genituri u senjatament fil-kolonna dwar isem u kunjom il-genituri tal-esponenti, il-kunjom "TEUMA" ghandu jigi sostitwit bi "THEUMA";

"3. Tordna lill-intimat sabiex jikkoregi l-att fuq imsemmi billi fil-kolonna dwar isem u kunjom il-genituri tal-esponenti fl-att tat-twelid tar-rikorrent bin-numru ta' iskrizzjoni 5410 tas-sena 1950 (Serje A 098004) il-kunjom "TEUMA" jigi sostitwit b' "THEUMA";

"4. Tordna lill-intimat sabiex jaghmel l-opportuni korrezzjonijiet f' kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess rikorrent;

"Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa qed jigi ingunt in subizzjoni."'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi sussegwentement għandha ssir debita korrezzjoni fl-okkju tal-kawża odjerna *stante* illi kunjom l-attur fuq l-Att tat-Twelid tiegħu, huwa mniżżel bħala '**Teuma**' u għaldaqstant, *ai* fini ta korrettezza u integrita' tal-ġudiżżju, għandha ssir korrezzjoni fl-okkju sabiex kunjom l-attur ikun imniżżel bħala '**Teuma**', u mhux kif inhu mniżżel preżentement bħala '**Theuma**', sabiex dan jirrifletti l-kunjom mogħti fl-Att tat-Twelid;

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;

4. Illi minn dak li jirriżulta *ictu oculi*, skont l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **5410/1950** (anness u mmarkat bħala **Dok. DRP 1**), jidher illi l-attur twieled ġewwa Malta, nhar l-erbgħa (4) ta' Ġunju 1950, lill '**Francis Teuma**' u '**Carmela *wife of the said* Francis Teuma**', fiż-żwieġ;

5. Illi in vista tal-liġi applikabbli fiż-żmien meta twieled u ġie reġistrat l-attur, huwa awtomatikament adotta kunjom missieru kif jidher fl-istess Att tat-Twelid suċitat u ċioe' l-kunjom 'Teuma'. Id-dikjarazzjoni fuq l-Att saret minn missier l-attur is-Sur **'Francis Teuma'**, u għalhekk, ċertament ma jistax jingħad illi sar xi żball mill-esponent Direttur meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid sucitat;

6. Illi kuntrarjament għal dak imniżżel fuq l-Att tat-Twelid tal-attur, fuq l-Att taż-Żwieġ tiegħu bin-numru progressiv **2998/1974** (anness u mmarkat bħala **Dok. DRP 2**)**,** u l-Atti tat-Twelid ta' wliedu Noel u Shawn, bin-numri progressivi **1184/1976** u **5002/1979** (anness u mmarkat bħala **Dok. DRP 3**) rispettivament, l-attur ġie indikat bil-kunjom **'Theuma'** u mhux **'Teuma'**;

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

8. Illi fir-rigward **tal-ewwel talba** magħmula mill-attur, l-esponent Direttur qiegħed jirrimetti ruħu salv illi din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta illi l-attur verament u minn dejjem kien magħruf bil-kunjom '**Theuma**';

9. Illi fir-rigward **tat-tieni u tielet talba**, l-esponent Direttur jirrileva illi l-kawża odjerna hija msejsa fuq l-Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili, li jippermetti:

> *'Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni tal-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv jew li huma mniżżla fir-Reġistru ta' Persuni Adottati bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa:'*

10. Illi għaldaqstant l-attur jista' biss jitlob korrezzjoni u tibdil ta' kunjomu u mhux kunjom iż-żewġ ġenituri tiegħu. *Se mai*, jekk l-attur irid jitlob korrezzjoni ta' kunjom il-ġenituri tiegħu dawn

għandhom jiġu kjamati in kawża, sabiex l-interessi tagħhom ikunu salvagwardati u rappreżentati in konformita mal-liġi;

11. Illi fir-rigward tat-**tieni u t-tielet talba** fejn applikabbli għall-ġenituri tal-attur, sakemm il-ġenituri mhux sejrin ikunu partijiet kjamati fil-kawża odjerna, t-talbiet ċitati għandhom ikunu limitati biss għat-tibdil tal-kunjom tal-attur, u mhux tal-ġenituri tiegħu;

12. Illi fir-rigward **tar-raba' talba**, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur naqas milli jispeċifika liema huma l-Atti l-oħra ta' Stat Ċivili tiegħu li għandhom jiġu jirriflettu t-tibdil fil-kunjom. Dan għandu jsir permezz ta' nota fl-atti, fejn jiġi indikat ukoll in-numru progressiv u s-sena ta' kull Att relevanti, sabiex l-esponent Direttur ikun f'pożizzjoni illi jagħmel il korrezzjonijiet, kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' t-talbiet tal-attur;

13. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u <u>għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti</u>;

14. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-attur li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 35 tal-proċess b'dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat illi fil-verbal tallum stess Dr Micallef Stafrace in vista tat-tieni eċċezzjoni talab korrezzjoni fl-okkju billi l-kunjom "Theuma" ġie ndikat mingħajr l-ittra "h" u l-Qorti laqgħet it-talba.

Rat ukoll illi fil-verbal tallum stess b'referenza għall-għaxar u l-ħdax-il eċċezzjoni, Dr Micallef Stafrace ddikjara li llum il-ġenituri tar-rikorrenti huma nieqsa u għalhekk  Dr. Bianco għan-nom tad-Direttur intimat irtira t-tieni, l-għaxar u l-ħdax-il eċċezzjoni li għalhekk huma sorvolati.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors ġuramentat tar-rikorrent u li effettivament tevidenzja li r-rikorrent ilu sa mis-snin sebgħin u qabel magħruf bil-kunjom "Theuma" u mhux "Teuma".  Din id-dokumentazzjoni kollha ma tħalli l-ebda dubju f'moħħ din il-Qorti illi effettivament kunjomu għandu jkun miktub "Theuma" u mhux "Teuma".

Rat partikolarment il-liċenzja ta' missier ir-rikorrent Francis Theuma a fol 15 tal-proċess li wkoll turi l-kunjom "Theuma".

Illi in vista tas-suespost il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u għandhom jiġu milqugħa.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tad-Direttur intimat rimanenti sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li hu magħruf bil-kunjom "Theuma" u bl-ebda kunjom ieħor;

3. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li fl-att tat-twelid tar-rikorrent bin-numru ta' iskrizzjoni 5410 tas-sena 1950 (Serje A 098004) fil-parti dwar il-partikolaritajiet tal-ġenituri tal-esponenti u senjatament fil-kolonna dwar isem u kunjom il-ġenituri tal-esponenti, il-kunjom "Teuma" għandu jiġi sostitwit bi "Theuma";

4. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent u tordna lill-intimat sabiex jikkoreġi l-att fuq imsemmi billi fil-kolonna dwar isem u kunjom il-ġenituri tar-rikorrent fl-att tat-twelid tar-rikorrent bin-numru ta' iskrizzjoni 5410 tas-sena 1950 (Serje A 098004) il-kunjom "Teuma" għandu jiġi sostitwit bi "Theuma";

5. Tilqa' r-raba' talba u tordna lill-intimat sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet opportuni f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess rikorrent fid-dokumenti fil-poter tad-Direttur intimat;

6. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**8 ta' April 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**8 ta' April 2025**